**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 494/17 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elf disa mija u sitta u disghin (1996) fil-Knisja tal-Madonna tal-Mirakli f'Hal Lija, (certifikat taz-zwieg Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal u cioe P li ghandha ghoxrin (20) sena, K li ghandu dsatax (19) il-sena, T li ghandu sbatax il-sena (17) u N li ghandu tlettax (13) il-sena;

Illi l-partijiet legalment separati b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. Peter Fleri- Soler fit-3 ta' Settembru 2013 (Dok B anness);

Illi ir-rikorrenti jhallas manteniment ghal minuri N fis-somma ta' 262.98ewro kull erba' (4) gimghat. Illum il-gurnata P, K u T ghandhom impjieg u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghadux javversa manteniment ghalihom;

Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi ilhom snin twal mifrudin u jghixu hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra r-rikorrenti ghandu rabta ma' persuna ohra;

Illi r-rikorrenti m'ghandu l-ebda pretensjoni b'mod assolut kontra l-intimata skont il-kuntratt ta'separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifisu (Dok C);

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha kkonfermat:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-2 ta' Marzu tas-sena elf disa` mija u sitta u disghin (1996) fil-Knisja tal-Madonna tal-Mirakli f'Hal Lija u sseparaw legalment fit-3 ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-Atti tan- Nutar Dr. Peter Fleri- Soler u minn din id-data li sseparaw huma ghexu separati minn xulxin u dan ghal perjodu ta' aktar minn erba snin.
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal u cioe` Tammy Lean Li ghandha ghoxrin sena (20), K li ghandu dsatax-il sena (19), T li ghandu sbatax-il sena (17) u N li ghandu tletetax –il sena (13) u li r-rikorrenti jhallas manteniment ghall-minuri N fis-somma ta' Ewro 262.98 kull erba` gimghat u li llum il-gurnata Tammy Lean, K u T ghandhom impjieg u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghadux jivversa manteniment ghalihom. Illi l-esponenti u r-rikorrenti, fil-kuntratt ta' separazzjoni irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta' manteniment (klawsola 6) ghalhekk l-esponenti tikkonferma li m'hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-kontendenti u li t-termini stabbiliti fil-kuntratt ta' separazzjoni ghar-rigward tal-manteniment qed jigu osservati mir-rikorrenti.
3. Tikkonferma li ma tezisti ebda possibilta` ta' rikonciljazzjoni.
4. Titlob li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` M.
5. Titlob l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti, stante li m'hijiex l-esponenti li qed titlob id-divorzju.
6. Tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fir-rigward it-talbiet tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Settembru 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Rat illi l-intimata fir-risposta guramentata taghha talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M. Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjonijiet kollha necessarji f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' M, qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;